



Brussell, 24 ta' Settembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0176(COD)

12025/21
ADD 1

CODEC 1234
MIGR 197
SOC 524
EMPL 381
EDUC 303

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tixtieq tenfasizza l-apprezzament tagħha għall-isforzi tal-Presidenza biex tippreserva l-elementi ewlenin tal-approċċ ġenerali, madankollu, għad hemm elementi fil-proposta li mhumieks konformi mal-pożizzjoni tagħna, speċjalment fir-rigward tal-protezzjoni tas-suq tax-xogħol.

L-Ungerija topponi kwalunkwe restrizzjoni fuq l-applikazzjoni tat-test tas-suq tax-xogħol lil hinn mid-dispożizzjonijiet attwalment fis-seħħ. Aħna nopponu wkoll li jiżdied il-perijodu minimu tal-validità tal-Karta Blu. Barra minn hekk nixtiequ nenfasizzaw il-pożizzjoni b'saħħitha tagħna li skontha l-Ungerija ma tqisx li hija meħtieġa jew xierqa l-armonizzazzjoni ulterjuri tar-regoli rilevanti fil-qasam tal-migrazzjoni legali, u f'dan ir-rigward nixtiequ ntennu l-pożizzjoni tagħna dwar il-migrazzjoni legali b'mod ġenerali.

Aħna nirrikonoxxu li l-kompromess milħuq huwa r-riżultat ta' negozjati dejjiema, madankollu l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li taċċetta l-kompromess finali, minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq.
